# Il-Ħajja Marjana tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, Karmelitan (1871-1943)

P. Charlò Camilleri, O.Carm.



Nhar it-2 ta' Frar 2017, Mons Arċisqof Charles J. Scicluna laqa' t-talba formali tal-Ordni Karmelitan sabiex jiftaħ l-Inkjesta Djoċesana għall-Proċess Kanoniku fil-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta' P. Avertan Fenech li għex u miet b'fama ta' qdusija li għadha tippersisti wara mewtu minkejja li għaddew bosta snin. Irridu nsemmu tabilħaqq li sa minn mewtu l-Provinċja Karmelitana ħasbet biex tiġbor informazzjoni, xhieda u materjal marbut ma' dan il-patri li kulħadd kien u għadu jżommu b'qaddis miexi fl-art. Mit-2 ta' Frar lil hawn P. Avertan ngħata mill-Knisja t-titlu ta' Qaddej ta' Alla.

Bosta artikli u bijografiji tiegħu jagħtuna dettalji dwar il-ħajja virtuża ta' nisrani eżemplari u reliġjuż qaddis. Element li forsi ma' tantx jissemma huwa l-marjanità tal-Qaddej ta' Alla fil-ħajja spiritwali u Karmelitana tiegħu. B'marjanità nifhmu l-karatteristika jew it-timbru marjan tal-ħajja spiritwali tiegħu. L-ewwelnett bla tlaqliq ngħidu li ma jistax wieħed ikun Karmelitan jekk ma jkunx Marjan. Anzi, kif tenna l-Papa Franġisku din is-sena fiż-żjara tiegħu ġewwa Fatima, ma nistgħux inkunu nsara jekk ma nkunux Marjani. B'dan ma' aħniex nifhmu li jkollna devozzjoni lejn il-Madonna taħt xi titlu jew ieħor jew li jkollna għal qalbna xi xbieha jew oħra tal-Verġni Marija, lanqas li nipprattikaw xi forma jew oħra ta' devozzjoni esterjuri lejn Marija Santissima. B'marjanità infissru Ħajja Marjana, jiġifieri li nkunu dixxipli awtentiċi u radikali ta' Ġesù kif kienet Marija. L-oġġett tal-Ħajja Marjana mhijiex Marija imma huwa Ġesù u r-relazzjoni tagħna miegħu. Mingħajr din il-ħajja marjana, d-devozzjoni u l-forom l-oħra kollha ta' eżerċizzji reliġjużi b'timbru marjan bħar-Rużarju, l-ilbies tal-Labtu u l-bqija, ma jiswew xejn.

Dan huwa mportanti għax meta niġu biex nevalwaw il-marjanità tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, ma aħna se nsibu xejn dirett dwar il-Verġni Marija għajr xi talba 'l hawn u 'l hinn. Fil-kitbiet tiegħu ma nsibu xejn dwar Marija jekk mhux meta jikkummenta l-misteri tal-ħajja ta' Ġesù. Għandna wkoll xi dettalji ċkejknin ħafna minn xi xhieda li għexu miegħu.

Li nistgħu ngħidu fiċ-ċert huwa li Luiġi Fenech mill-Mosta nġibed lejn l-Ordni Karmelitan mit-tqarrib indirett tiegħu lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Meta saret l-inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fil-15 ta' Lulju 1881, Luiġi Fenech kellu 10 snin. Ommu Marija Attard, mara twajba u devota kienet seftura mas-sinjuri Levi-Grech Mifsud mill-Mosta. Dawn is-sinjuri kellhom dar il-Belt biswit is-Santwarju tal-Karmnu u aktarx li minn għandhom wiret l-imħabba lejn il-Madonna tal-Karmnu. Iktar ma beda jikber, kompliet tikber miegħu is-sejħa għall-ħajja reliġjuża Karmelitana. P' Lawrenz Sammut, l-ewwel

bijografu ta' P. Avertan u novizz u penitent tiegħu, jirrakkuntalna mix-xhieda li sab li waqt li meta wera lill-ġenituri bis-sejħa tiegħu lil missieru tarraflu li huwa jixtieq jissieħeb mal-Karmelitani "għaliex dak huwa l-Ordni tal-Madonna; u billi jien inħoss devozzjoni kbira lejha, għalhekk fl-Ordni tagħha fi ħsiebni nidħol."

Meta lill-ġenituri wrihom din ix-xewqa huma bagħtuh jistudja l-Latin u t-Taljan għand qassis in-Naxxar. P. Lawrenz ikompli jgħidilna li meta fis-6 ta' Frar 1888 il-Vigarju Provinċjali P. Lwiġi Malfatti laqgħu fin-novizzjat il-Belt, huwa niżel fil-Knisja ferħan se jtir jirringrazzja lill-Madonna tal-Karmnu għall-grazzja kbira li qala'. Sena wara li ġie milqugħ fin-Novizzjat huwa pprofessa fl-oratorju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt. Imbagħad nhar is- 27 ta' Frar 1892 ipprofessa solenni fl-oratorju tan-Novizzjat fil-Belt iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni. Wara dan huwa kompla l-formazzjoni fil-kunvent il-ġdid ta' San Ġiljan u kellu b'surmast lil P. Francesco Raiti li iktar tard ġie magħżul isqof ta' Trapani. Fl-1896 ġie magħżul bħala prefett tal-kjeriċi minħabba l-ħajja virtuża u integra tiegħu u fil-5 ta' Lulju 1896 ġie ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Għawdex Giovanni Camilleri OSA u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fis-Santwarju tal-Karmnu fil-Belt Valletta fil-Ħadd tan-Novena tal-Madonna tal-Karmnu. Mal-ordinazzjoni ntefa' għall-ministeru tal-qrar u d-direzzjoni spiritwali. Ukoll l-imġieba tiegħu kemm waqt it-talb u l-quddiesa kif ukoll fil-komportament tal-ħajja ta' kuljum u fir-relazzjoni ma' ħutu fil-komunità kienet ta' edifikazzjoni u ammirazzjoni speċjalment għax kien jgħix tassew kontinwament fil-preżenza ta' Alla. Il-modestja, l-umiltà, il-faqar u s-safa tiegħu kienu jqanqlu lin-nies jersqu għandu għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali.

P. Avertan kien magħruf għall-ħajja miġbura tiegħu minkejja l-bosta uffiċċji ta' responsabilità li huwa kellu fi ħdan il-Provinċja fosthom l-uffiċċju ta' Surmast tan-Novizzi għal 26 sena sħaħ. F'dawn l-uffiċċji huwa spikka fil-qalb ħelwa tiegħu imma wkoll f'rieda determinata li jagħmel dak li hu sewwa u jmexxi b'rettitudni. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li kienet il-ħajja interjuri tiegħu ta' ġabra 'il bogħod minn ċirkustanzi u kwestjonijiet u attivitajiet li mhumiex essenzjali li żammitu sħiħ sal-aħħar. Il-ħajja ta' ġabra u l-ħjajja interjuri hija karatteristika Marjana fil-ħajja spiritwali. Fil-kummentarju għar-Regola Karmelitana ta' Ġwanni Baconthorpe insibu li l-Karmelitan jehda fil-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla lejl u nhar fuq l-eżempju u l-imitazzjoni ta' Marija li kif jirrakkuntalna l-Evanġelju kienet "tgħożż f'qalbha u taħseb bejna u bejn ruħha" fuq il-misteri tal-ħajja ta' Ġesù. P. Avertan fil-ħajja tiegħu spikka f'din il-virtù li ssaħħaħ il-ħajja spiritwali. Fil-meditazzjonijiet tiegħu li ħalla miktuba f'pitazzi żgħar lil Marija narawha dejjem mal-misteri ta' Ġesù bħala dik li tilqa' u tieħu ħsieb lil Ġesù għax hi il- "Verġni purissima".

Il-Qaddej ta' Alla fil-fatt kellu devozzjoni kbira lejn is-safa tal-Verġni Marija. Fih innifsu spikkat il-virtù tas-safa tal-qalb u l-ġisem fid-dispożizzjoni tiegħu ta' għotja sħiħa lil Alla u lill-proxxmu u wkoll fl-imġieba, fil-kliem u fl-għemil. Xi xhied jgħidu li proprju kienu jqerru għandu u jfittxu direzzjoni spiritwali għandu minħabba l-qalb safja tiegħu għax min hu qalbu safja jara lil Alla u allura jkun jista' jmexxik dritt fit-triq u r-rieda ta' Alla. L-imħabba kbira lejn is-safa ta' Marija kienet tidher fl-għożża li biha kien iżomm f'kamartu kwadru sabiħ ferm tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija li għadu sa llum fiċ-ċella fejn miet fil-kunvent. Tidher ukoll fil-pitazz tat-talb li kien iżomm, miktub b'idejh u li fih bosta talbiet lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija speċjalment b'invokazzjoni biex iżżommu sħiħ fil-virtù tas-safa. Is-safa tal-qalb tiegħu ikkonvinċiet lil min għex miegħu li l-Qaddej ta' Alla qatt ma tilef l-innoċenza spiritwali li tidher f'qalb li ma fiha l-ebda ħjiena u dan minkejja li nafu li fl-uffiċċji li kellu fil-Provinċja għaddew minn taħt idejh bosta sitwazzjonijiet li ma kenux sbieħ. Proprju għax kien qalbu safja fis-sensi kollha tal-espressjoni huwa baqa' magħqud ma' Alla dejjem u f'kollox ukoll fit-tiġrib li kien iħabbtu.

F'dan l-element tal-ħajja Marjana spiritwali ifakkarna f'dak li l-Beatu Ġwanni Soreth kiteb fil-kummentarju

tar-regula Karmelitana, li ċ-ċella ta' ġewwa f'qalbek tiġi mħarsa miċ-ċella ta' barra, l-kamra li fiha toqgħod u ċ-ċella ta' barra tiġi mqaddsa b'dak li jseħħ fiċ-ċella ta' qalbek. Din iċ-ċella hija l-blata li fuqha r-reliġjuż Karmelitan jitħaddet ma' Alla lejl u nhar, jgħix fil-preżenza tiegħu u hekk iduq il-ġenna. Bla tlaqliq nistgħu ngħidu li ċ-ċella għal P. Avertan kienet il-Ġenna tiegħu għax fiha hu kien jishar, jitlob u jingħaqad ma' Alla. U tassew kienet tieqa fuq il-Ġenna. Reliġjuż li għex ma' P. Avertan stqarr li hu jaf li P. Avertan kellu wkoll żjarat tal-Verġni Marija.

Taħt il-ħarsien tagħha kien jistkenn sabiex jibqa' perseveranti fil-ħajja nisranija u reliġjuża tiegħu u jgħix il-fedeltà lejn Ġesù Kristu li lilu wiegħed li jimxi warajh "b'qalb safja u kuxjenza nadifa". Fil-mard tiegħu ukoll, minħabba l-invalidità li fiha sab ruħu jiddependi għal kollox mill-oħrajn, infermiera, servjenti u sħabu l-patrijiet anke għall-bżonnijiet tiegħu l-iktar bażiċi u privati, huwa kien jitfa' ħarstu lejn Ġesù Kurċifiss u lejn il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li kellu biswit is-sodda. P. Avertan kien jixtieq ħafna li jfiq sabiex ikun jista' jqaddes il-quddiesa ta' kuljum u bħal donnha din ix-xewqa kienet tikbes fih meta toqrob xi festa tal-Madonna għax kien ikun jixtieq li jiċċelebra l-quddiesa fiha, kif ukoll meta tqorob xi festa kbira tal-Mulej. Minħabba l-biża' tal-Gwerra u s-sigurtà, lil P. Avertan kienu niżżluh minn kamartu fl-oratorju tal-Madonna tal-Karmnu sabiex ikun qrib il-bieb ta' barra jekk jinqala' xi ħaġa. Għalkemm kien nieqes mill-kumditajiet huwa kien iħossu mfarraġ li jinsab fil-preżenza ta' Ġesù, f'daru biex ngħidu hekk, u ta' Marija fl-oratorju ddedikat lilha. Ta' faraġ għalih kienu jkunu ż-żjarat tar-reliġjużi li kienu joqgħodu jitolbu flimkien miegħu it-talba tal-Via Crucis. Minn dan kollu nistgħu ngħidu li P. Avertan għex il-ħajja nisranija fil-mixja tiegħu wara Ġesù fl-iskola ta' Marija u bl-istess spirtu tagħha. Huwa laqa' lil Kristu f'ħajtu u bħal Marija ħallih jitnissel f'qalbu hekk li sar mera ħajja tiegħu, ħġieġa tleqq trasparenti li minnha jgħaddi d-dawl ta' Kristu hemm fejn kien jgħix.

Jeff's
PASTIZZERIA
Floriana – Qormi – Gzira – B'Kara
*We accept orders for parties and other occassions*
Mob: 99405210 - 99409840

JUNO
FOOTWEAR
174 THE STRAND GZIRA TEL: 21331821
www.junofootwear.com